Persuni interessati huma mitluba joffru r-rati tal-ħlas (eskluża l-VAT) għal kull ktieb jew test li jevalwaw, skont iċ-ċekkjatura li tinsab fis-sit elettroniku (https://nla.gov.mt/mt/avvizi/), f'kull waħda mill-kategoriji msemmija hawn taħt. Ir-rati tal-ħlas offruti mill-persuni interessati m'għandhomx jaqbżu r-rati (eskluża l-VAT) provduti f'din l-Espressjoni ta' Interess.

1. Kotba/testi għat-tfal (etajiet sa 7 snin)

i. minn 16 sa 20 paġna – €3
ii. sa 30 paġna – €5

2. Kotba/testi għat-tfal (etajiet minn 8 snin sa 12-il sena)

i. sa 50 paġna – €10
ii. sa 100 paġna – €20

3. Kotba/testi għall-adolexxenti (etajiet minn 13 sa 16-il sena)

i. sa 500 paġna – €40

Spejjeż

L-ispejjeż kollha sostnuti mill-parteċipanti fir-rigward ta' din l-Espressjoni ta' Interess (Ref. 25/319) għandhom jiġu koperti esklussivament mill-parteċipanti stess. L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu mhix responsabbli u mhi se tkopri l-ebda spiża jew telf sostnut mill-parteċipanti b'rabta ma' kwalunkwe aspett ta' din l-Espressjoni ta' Interess.

Responsabbiltajiet

Ir-responsabbiltajiet tal-membri tal-Bord tal-Evalwaturi:

Xogħol b'mod indipendenti:

L-evalwaturi huma mitluba jelenkaw żbalji fil-kotba/testi kemm ortografiċi kif ukoll grammatikali;

Għandhom jikklassifikaw il-kotba/testi f'kategoriji xierqa skont l-età.

Laqgħat fiċ-Ċentru Nazzjonali tal-Litteriżmu:

Il-Bord tal-Evalwaturi hu mistenni jitlaqqa' mhux inqas minn tliet darbiet fis-sena fiċ-Ċentru Nazzjonali tal-Litteriżmu. Din il-laqgħa titħallas b'rata fissa ta' €10.58 (eskluża l-VAT) għall kull siegħa lill-membri tal-bord.

Htiġiet għas-Sottomissjoni

L-applikanti għandhom jippreżentaw l-espressjoni ta' interess tagħhom, flimkien ma' ġabra tal-kwalifiki miksuba

Objectives

Interested individuals are required to submit their proposed rates (excluding VAT) per script or book evaluated, according to the checklist available at (https://nla.gov.mt/notices/), for each of the following categories mentioned below. The rates provided below should be considered as the maximum allowable rates (exclusive of VAT).

1. Books/scripts for children (ages up to 7 years)

i. From 16 to 20 pages – €3
ii. Up to 30 pages – €5

2. Books/scripts for children (ages 8 to 12 years)

i. Up to 50 pages – €10
ii. Up to 100 pages – €20

3. Books/scripts for adolescents (ages 13 to 16 years)

i. Up to 500 pages – €40

Costs

All costs incurred by participants in relation to this Expression of Interest (Ref. 25/319) must be covered exclusively by the participants themselves. The National Literacy Agency shall not be responsible for or cover any expenses or losses incurred by participants in connection with any aspect of this Expression of Interest.

Responsibilities

Responsibilities of the Members of the Evaluation Board:

Tasks to be carried out independently:

Evaluators are required to identify and list spelling and grammatical errors in the books/scripts;

They must classify the books/scripts into appropriate categories according to age.

Meetings at the National Literacy Centre:

The Evaluation Board is expected to meet not less than three times per year at the National Literacy Centre. This meeting is paid at a fixed rate of €10.58 (exclusive of VAT) per hour to board members.

Submission Requirements

Candidates must submit their expression of interest along with a portfolio of their qualifications, presented in

f'format tal-Europass Curriculum Vitae u kopja taċ-ċertifikati rilevanti tagħhom.

Kriterji ta' Eliġibbiltà

L-applikanti ma jistgħux ikunu awturi/illustraturi ta' kotba/testi bl-Ingliż jew impjegati preżenti ta' djar tal-pubblikazzjoni lokali.

L-applikanti jistgħu jkunu edukaturi, librara (li ma jaħdmux direttament ma' pubblikaturi) jew persuni oħra li huma midħla tal-letteratura tat-tfal.

L-applikanti huma mistennija li jkollhom:

kwalifika fl-Ingliż fil-Livell 6 tal-MQF.

L-applikanti se jintalbu jattendu għal intervista. L-Aġenzija tirriserva d-dritt li ssejjaħ biss lill-applikanti eliġibbli li joffru l-aħjar prezzijiet.

Kull parteċipant irid ikun Operatur Ekonomiku li jibgħat invoice għall-ħidma tiegħu u rċevuta fiskali bħala konferma tal-ħlas.

Ftehim

Din l-Espressjoni ta' Interess hija valida għal tliet (3) snin mid-data tal-ħruġ tagħha u se tibqa' miftuħa matul il-perjodu ta' validità, għal kwalunkwe Operatur Ekonomiku li jissodisfa l-kriterji ta' għażla, billi jiġu kkunsidrati applikazzjonijiet ġodda kull sitt (6) xhur. Kull Operatur Ekonomiku se jiġi offrut kuntratt ta' sena li jista' jiġi mġedded kull sena għal tliet snin skont din l-Espressjoni ta' Interess bl-istess rata kkwotata fis-sottomissjoni.

Biex ikunu kkunsidrati mal-ewwel ġabra ta' applikazzjonijiet, is-sottomissjonijiet f'format diġitali għandhom jintbagħtu lis-Sa Nicole Borg fl-indirizz elettroniku (nicole.borg.18@ilearn.edu.mt) sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 5 ta' Settembru, 2025, f'nofsinhar.

Għal kull sottomissjoni li tirċievi l-Aġenzija, tintbagħat ittra ta' konferma, elettronikament.

Id-deċiżjonijiet finali mistennija jittieħdu fi żmien xahar mill-applikazzjoni, skont din l-Espressjoni ta' Interess (Ref. 25/319).

Aktar tagħrif jista' jinkiseb permezz ta' ittra elettronika lil (nicole.borg.18@ilearn.edu.mt), jew bin-numru tat-telefown 2598 3301.

Is-26 ta' Awwissu, 2025

the Europass Curriculum Vitae format, along with copies of their relevant certificates.

Eligibility Criteria

Applicants must not be authors/illustrators of English books/scripts or current employees of local publishing houses.

Applicants may be educators, librarians (with no professional ties to publishers), or other individuals who are familiar with children's literature.

Applicants must be in possession of:

a qualification in English at MQF Level 6.

Applicants may be required to attend an interview. The Agency reserves the right to contact only eligible applicants who offer the most competitive rates.

Each participant must be an Economic Operator capable of issuing an invoice for their work and providing a fiscal receipt as proof of payment.

Agreement

This Expression of Interest is valid for three (3) years from its issue date and will remain open throughout its validity period for any Economic Operator who meets the selection criteria. New applications will be considered every six (6) months. Each Economic Operator will be offered a one-year contract, which may be renewed annually for up to three years under the same rate quoted in the submission.

To be considered with the first set of applications, digital submissions must be sent to Ms Nicole Borg (nicole.borg.18@ilearn.edu.mt) no later than Friday, 5th September, 2025, at noon.

For every submission received, the Agency will issue an electronic confirmation letter.

Final decisions are expected to be made within one month of application submission, in accordance with this Expression of Interest (Ref. 25/319).

Further information may be obtained by email to (nicole.borg.18@ilearn.edu.mt), or by telephone number 2598 3301.

26th August, 2025

L-AĠENZIJA GĦALL-VITTMI TAL-KRIMINALITÀ (VSA)

L-Aġenzija għall-Vittmi tal-Kriminalità (VSA) teħtieġ professjonisti motivati għall-post li ġej:

Case Officer I (Sapport Emozzjonali)
Permess ta' Jobspus Nru 268/2023

Partijiet interessati jistgħu jibgħatu CV u jitolbu dettalji permezz ta' ittra elettronika lil (vsa-hr@gov.mt).

Id-data tal-għeluq tas-sottomissjonijiet tal-applikazzjonijiet hija nhar il-Ġimgħa, 12 ta' Settembru, 2025.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jkunux ikkunsidrati.

Is-26 ta' Awwissu, 2025

VICTIM SUPPORT AGENCY (VSA)

The Victim Support Agency (VSA) is looking for highly motivated result-oriented professionals for the following post:

Case Officer I (Emotional Support)
Jobsplus Permit No. 268/2023

Interested parties are invited to submit their CV and request further details by sending an email to (vsa-hr@gov.mt).

The deadline for submission of applications is Friday, 12th September, 2025.

Late applications will not be considered

26th August, 2025

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

Eżami għall-Applikazzjoni għall-Awtorizzazzjoni għal persuni li jagħmlu installazzjoni tal-Elettriku skont ir-Regolamenti dwar l-Installazzjonijiet Elettriċi (L.S. 545.24) – Lulju 2025

Riżultati tal-Eżamijiet tal-Kitba

Id-Dipartiment tal-Eżamijiet jgħarraf li l-kandidati kollha ġew mgħarrfa dwar l-eżitu tal-ewwel parti tal-eżami (eżami bil-miktub). Dawk li għaddew ġew avżati bl-appuntament tal-eżami tal-prattika u l-intervista (It-Tieni Parti).

Dawk l-applikanti li ma rċevewx din il-komunikazzjoni huma mitluba biex jikkuntattjaw minnufih lid-Dipartiment tal-Eżamijiet, bin-numru tat-telefown 2598 2958, jew permezz ta' ittra elettronika lil (myexams@gov.mt).

Is-26 ta' Awwissu, 2025

DEPARTMENT OF EXAMINATIONS

Authorisation Examination for the Application of Authorisation of a Service Provider for Electrical Installations as per Electrical Installations Regulations (S.L.545.24) – July 2025

Written Examinations Results

The Department of Examinations notifies that all candidates have been informed about their success or otherwise in Part 1 of the above Examinations. Successful candidates have been informed of the date of their respective practical test and Interview (Part II).

Those applicants who have not received the notification are advised to contact immediately the Department of Examinations on telephone number 2598 2958, or by email to (myexams@gov.mt).

26th August, 2025

UFFIĊĊJU TAN-NUTAR TAL-GVERN

Lista ta' kuntratti li jaqbżu l-ammont ta' €5,000 VAT eskluża mill-Uffiċċju tan-Nutar tal-Gvern għall-perjodu mill-1 Jannar 2024 sat-30 ta' Ġunju, 2024, ippubblikata skont ir-Regolament 111(2) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi S.L.601.03

Is-26 ta' Awwissu, 2025

OFFICE OF THE NOTARY TO GOVERNMENT

List of contracts awarded which exceed the amount of €5,000 excluding VAT by the Office of the Notary to Government between the 1st January, 2024 and 30th June, 2024, in terms of Article 111(2) of the Public Procurement Regulations S.L. 601.03.

26th August, 2025

Numru ta' Referenza *Reference Number*	Isem tal-Kuntratt (kif ippubblikat) *Contract Name (as published)*	Isem tal-Kuntrattur *Contractor's Name*	Tip ta' KuntrattDirect Order/Kwotazzjoni/ Offerta *Contract Type Direct Order/Quotation/ Tender*	Data tal-Għotja *Award Date*	Valur tal-Kuntratt Eskluża l-VAT *Contract value Excluding VAT*
NTG 1/2024	Service of General Service of General	J. Zerafa Limited	Quotation	24/1/2024	9,800
NTG 2/2024	The Provision of Environmentally Friendly Cleaning Services including products for the Office of the Notary to Government	J F Cleaning Limited	Quotation	15/5/2024	8,500
NTG 3/2024	Electrical works at the Ħal Qormi Storage Facility	Matthew Micallef	Quotation	19/4/2024	6,748.85

KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Clearance ta' Toroq

Il-Kunsill Lokali Santa Venera jgħarraf li mill-4.00 p.m. tal-Ġimgħa, 31 ta' Ottobru, 2025 sa nofsillejl tas-Sibt, l-1 ta' Novembru, 2025, hemm bżonn ta' clearance fi Triq Braille sas-salib u Triq Misraħ il-Barrieri minn kantuniera ma' Triq Braille sa kantuniera ma' Triq il-Karmelitani.

Is-26 ta' Awwissu, 2025

SANTA VENERA LOCAL COUNCIL

Clearance of Streets

The Santa Venera Local Council notifies that from 4.00 p.m. of Friday, 31st October, 2025 to midnight of Saturday, 1st November, 2025, clearance is required in Triq Braille till the cross and Triq Misraħ il-Barrieri from corner with Triq Braille to corner with Triq il-Karmelitani.

26th August, 2025

KUNSILL LOKALI X-XEWKIJA

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali x-Xewkija jgħarraf li nhar il-Ħamis, 28 ta' Awwissu, u nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Awwissu, 2025, Pjazza San Ġwann Battista se tkun magħluqa għat-traffiku mill-5.00 p.m. sa nofsillejl u parkeġġ se jkun projbit. Nhar il-Ħadd, 31 ta' Awwissu, 2025, Triq Sant'Indrija, Triq it-Torri Tingi, Triq San Żakkarija u Pjazza San Ġwann Battista se jkunu magħluqin għat-traffiku mit-8.00 a.m. sad-9.30 a.m. u parkeġġ se jkun projbit.

Is-26 ta' Awwissu, 2025

XEWKIJA LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Xewkija Local Council notifies that on Thursday, 28th August, and on Friday, 29th August, 2025, Pjazza San Ġwann Battista will be closed to traffic from 5.00 p.m. to midnight and no parking will be allowed. On Sunday, 31st August, 2025, Triq Sant'Indrija, Triq it-Torri Tingi, Triq San Żakkarija and Pjazza San Ġwann Battista will be closed to traffic from 8.00 a.m. to 9.30 a.m. and no parking will be allowed.

26th August, 2025

KUNSILL LOKALI L-MELLIEĦA

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali l-Mellieħa jgħarraf li t-toroq imsemmija hawn taħt se jiġu klassifikati bħala żoni ta' rmonk u għalhekk il-parkeġġ ta' vetturi se jkun se jkun projbit:

Triq Ġnien Ingraw nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Awwissu, 2025, mis-6.00 p.m. sa nofsillejl, u Misraħ il-Parroċċa nhar it-Tnejn, l-1 ta' Settembru, 2025, mill-4.00 p.m. sa nofsillejl.

MELLIEĦA LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Mellieħa Local Council notifies that the streets mentioned below will be classified as tow zones and therefore the parking of vehicles will be prohibited:

Triq Ġnien Ingraw on Friday, 29th August, 2025, from 6.00 p.m. to midnight, and Misraħ il-Parroċċa on Monday, 1st September, 2025, from 4.00 p.m. to midnight.

Il-vetturi ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn fuq fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Is-26 ta' Awwissu, 2025

AĠENZIJA ŻGĦAŻAGĦ

Sejħa għal Kwotazzjonijiet

AŻ013/2025 Kwotazzjonijiet għal colour laser multifunction printer ma' Aġenzija Żgħażagħ

Aġenzija Żgħażagħ qiegħda tilqa' kwotazzjonijiet għal 'leasing agreement of a colour laser multifunction printer'.

Informazzjoni dettaljata hija aċċessibbli mis-sit elettroniku ta' Aġenzija Żgħażagħ (https://youth.gov.mt/call/).

Kwotazzjonijiet, inkluż informazzjoni dettaljata dwar il-prodott propost jiġu milqugħa minn Aġenzija Żgħażagħ, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera SVR 1013, f'envelop issiġillat għall-attenzjoni ta' Rowena M. Borg sa mhux aktar tard mit-Tlieta, 15 ta' Settembru, 2025, f'nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew).

Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jintbagħtu rreġistrati u kmieni biżżejjed sabiex jaslu qabel id-data tal-għeluq. L-applikanti jiġu mgħarrfa li tkun waslet l-applikazzjoni fi żmien jum ta' ħidma.

Aġenzija Żgħażagħ tirriżerva d-dritt li tirrifjuta xi sottomissjoni jew is-sottomissjonijiet kollha relatati ma' din is-sejħa għall-kwotazzjoni. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Aktar informazzjoni jew kjarifiki jistgħu jinkisbu mingħand Rowena M. Borg bin-numru tat-telefown 9989 1714 mit-Tnejn sal-Ġimgħa mit-8.30 a.m. sas-1.30 p.m., jew permezz ta' ittra elettronika lil (rowena.borg@gov.mt).

Is-26 ta' Awwissu, 2025

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management)għas-Central Procurement and Supplies Unit, Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Call imniżżla hawn taħt għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 28 ta' Awwissu, 2025.

ERU2508U25G – Devices

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

The transit of vehicles through the streets mentioned above will be either suspended or diverted on the dates and times indicated.

26th August, 2025

AĠENZIJA ŻGĦAŻAGĦ

Call for Quotations

AŻ013/2025 Quotations colour laser multifunction printer – Aġenzija Żgħażagħ

Aġenzija Żgħażagħ is receiving quotations for a leasing agreement of a colour laser multifunction printer.

Full details and specifications are available on the Aġenzija Żgħażagħ website (https://youth.gov.mt/call/).

Quotations, including a detailed proposed product literature review, must be received in a sealed envelope for the attention of Rowena M. Borg at Aġenzija Żgħażagħ, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera SVR 1013, by not later than Tuesday, 15th September, 2025, noon (Central European Time).

Applications by post should be sent by registered mail, allowing sufficient time to ensure delivery by the above-stipulated deadline. These applications will be acknowledged in writing by Aġenzija Żgħażagħ within one (1) working day.

Aġenzija Żgħażagħ reserves the right to reject any or all submissions associated with this call for quotation. Late applications will not be considered.

Further information or queries may be obtainedn from Rowena M. Borg by telephone number 9989 1714 from Monday to Friday from 8.30 a.m. to 1.30 p.m., or by email to (rowena.borg@gov.mt).

26th August, 2025

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Call will be received up to 10.00 a.m. on Thursday, 28th August, 2025.

ERU2508U25G – Devices

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

Is-26 ta' Awwissu, 2025

DIVIŻJONI TAL-GVERN LOKALI

Id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali tgħarraf illi:

Kwotazzjonijiet għandhom jintlaqgħu permezz tal-ePPS, sas-1.00 p.m. tat-Tlieta, 16 ta' Settembru, 2025, għal:

Avviż Nru POC 97/2025 – Bejgħ 'tale quale' ta' vettura (Mudell: Toyota Auris)

Id-dokumenti tal-kwotazzjoni huma bla ħlas u jiġu miksuba, imniżżla u milqugħa BISS min fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument tal-kwotazzjoni jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali tirriserva d-dritt li tirrifjuta kwalunkwe offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Is-26 ta' Awwissu, 2025

KUNSILL LOKALI ĦAL SAFI

Il-Kunsill Lokali Ħal Safi jgħarraf li:

Offerti qed jintlaqgħu permezz tal-ePPS sa nofsinhar ta' nhar it-Tlieta, 23 ta' Settembru, 2025, għal:

Avviż Nru T/SFI/2/2025. Provvista u installazzjoni ta' pannelli u batteriji PV fl-uffiċċju tal-Kunsill lokali Ħal Safi bl-użu ta' prodotti li ma jagħmlux ħsara 'l ambjent.

Sejħiet ta' offerti għandhom jintbagħtu pemezz tal-ePPS biss. Wieħed jista' jniżżel dan id-dokument mis-sit tal-etenders (www.etenders.gov.mt).

Kjarifikazzjonijiet jew addenda għad-dokumenti se jidhru fuq l-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jirriserva d-dritt li jirrifjuta kull offerta, anki l-aktar waħda vantaġġjuża.

Is-26 ta' Awwissu, 2025

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

26th August, 2025

LOCAL GOVERNMENT DIVISION

The Local Government Division notifies that:

Quotations will be received through ePPS, up to 1.00 p.m. of Tuesday, 16th September, 2025, for:

Advt No. POC 97/2025 – Sale 'tale quale' of vehicle (Model: Toyota Auris)

Quotation documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website on (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the quotation document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Government Division reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

26th August, 2025

ĦAL SAFI LOCAL COUNCIL

The Ħal Safi Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Ħal Safi Local Council through ePPS up to noon of Tuesday, 23rd September, 2025, for the:

Advt No. T/SFI/2/2025. Supply and installation of PV panels and batteries at Ħal Safi's local council's office using environmentally friendly products.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from the same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

26th August, 2025

KUNSILL LOKALI ĦAL BALZAN

Il-Kunsill Lokali Ħal Balzan jgħarraf illi:

Offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali Ħal Balzan sal-11.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, 26 ta' Settembru, 2025, għal:

Avviż Nru BLC 04/2025. Ġbir ta' skart goff u WEEE bl-użu ta' srvizz ta' vettura b'emissjonijiet baxxi għall-Kunsill Lokali Ħal Balzan.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS mis-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettronku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Is-26 ta' Awwissu, 2025

ĦAL BALZAN LOCAL COUNCIL

The Ħal Balzan Local Council notifies that:

Tenders will be received by the Ħal Balzan Local Council up to 11.00 a.m. on Friday, 26th September, 2025, for the:

Advt No. BLC 04/2025. Collection of bulky refuse and WEEE using a low-emission service vehicle for the Ħal Balzan Local Council.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

26th August, 2025

KUNSILL LOKALI ĦAL BALZAN

Il-Kunsill Lokali Ħal Balzan jgħarraf illi:

Offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali Ħal Balzan sal-11.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, 9 ta' Settembru, 2025, għal:

Avviż Nru BLC 05/2025. Tindif, żamma u manutenzjoni ta' ġonna pubbliċi u soft areas f'Ħal Balzan bl-użu ta' prodotti u prattiki li ma jagħmlux ħsara 'l ambjent.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS mis-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fis-sit elettronku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Is-26 ta' Awwissu, 2025

ĦAL BALZAN LOCAL COUNCIL

The Ħal Balzan Local Council notifies that:

Tenders will be received by the Ħal Balzan Local Council up to 11.00 a.m. on Tuesday, 9th September, 2025, for the:

Advt No. BLC 05/2025. Cleaning, upkeep and maintenance of public gardens and soft areas in Ħal Balzan using environmentally friendly products and practices.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

26th August, 2025

AVVIŻ TAL-QORTI – *COURT NOTICE*

2113

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tas-7 ta' Awwissu, 2025, u dan wara Rikors b'numru 747/2025, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li jagħmel l-annotazzjoni jew korrezzjoni neċessarja fl-Att tat-Twelid tar-rikorrent 'Glenn Joseph Jensen' meta dan jiġi biex

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 7th August, 2025, and upon an application numbered 747/2025, ordered:

To the Director of the Public Registry, to make the necessary annotation or correction in the Act of Birth of the applicant 'Glenn Joseph Jensen' when it is to be registered

ikun reġistrat f'Malta, biex kunjom ir-rikorrent jiġi mibdul b'annotazzjoni minn 'Galazka' għal 'Jensen' kif ukoll sabiex fuq l-Att taż-Żwieġ bin-numru 2001/2022 il-kunjom tar-raġel kif ukoll il-kunjom illi l-mara addottat wara ż-Żwieġ jiġi mibdul minn 'Galazka' għal 'Jensen'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum it-Tnejn, 18 ta' Awwissu, 2025

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

in Malta, so that the applicant's surname is changed by annotation from 'Galazka' to 'Jensen', as well as so that in the Act of Marriage with number 2001/2022, the husband's surname, as well as the surname adopted by the wife after the marriage, is changed from 'Galazka' to 'Jensen'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Monday, 18th August, 2025

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

2114

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tas-7 ta' Awwissu, 2025, u dan wara Rikors b'numru 752/2025, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li jagħmel l-annotazzjoni jew korrezzjoni neċessarja fl-Att taż-Żwieġ numru 1208/1985, sabiex kull fejn jidher il-kunjom 'Laferla' jiġi korrett għal 'La Ferla' b'annotazzjoni, inkluż il-kunjom li addottat wara ż-żwieġ il-mara.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum it-Tnejn, 18 ta' Awwissu, 2025

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 7th August, 2025, and upon an application numbered 752/2025, ordered:

To the Director of the Public Registry, to make the necessary annotation or correction in the Act of Marriage number 1208/1985, so that wherever the surname 'Laferla' appears, it is corrected to 'La Ferla' by annotation, including the surname adopted by the wife after the marriage.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Monday, 18th August, 2025

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

2115

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tal-14 ta' Awwissu, 2025, u dan wara Rikors b'numru 756/2025, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li jagħmel l-annotazzjoni jew korrezzjoni neċessarja fl-Att taż-Żwieġ numru 1272/2023 (u mhux 885/2023 kif erronjament indikat fir-rikors promotur) sabiex il-kunjom illi addotta l-konjuġi (1) (u ċoè r-raġel) wara ż-żwieġ jiġi mibdul minn 'Grixti' għal 'Grixti Dalmas' u li dan it-tibdil jiġi estiż ukoll għall-isem tal-familja sabiex dan jiġi korrett minn 'Grixti' għal 'Grixti Dalmas' ai termini tal-art. 4(3) tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16).

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum l-Erbgħa 20 ta' Awwissu, 2025

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 14th August, 2025, and upon an application numbered 756/2025, ordered:

To the Director of the Public Registry, to make the necessary annotation or correction in the Act of Marriage number 1272/2023 (and not 885/2023 as was mistakenly indicated in the applicant's application), so that the surname adopted by spouse (1) (therefore, the husband) after the marriage is changed from 'Grixti' to 'Grixti Dalmas', and that this change is also extended to the family name so that it is corrected from 'Grixti' to 'Grixti Dalmas', in accordance with the provisions of Article 4(3) of the Civil Code (Cap. 16).

Court of Revision of Notarial Acts

Today Wednesday 20th August, 2025

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

2116

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tal-14 ta' Awwissu, 2025, u dan wara Rikors b'numru 757/2025, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li jagħmel l-annotazzjoni jew korrezzjoni neċessarja fl-Att taż-Żwieġ numru 2492/2024 sabiex il-kunjom illi addottat wara ż-żwieġ il-konjuġi (2) jiġi korrett minn 'Vella' għal 'Buhagiar' kif ukoll sabiex l-isem tal-familja jiġi korrett minn 'Buhagiar Vella' għal 'Buhagiar'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum l-Erbgħa 20 ta' Awwissu, 2025

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 14th August, 2025, and upon an application numbered 757/2025, ordered:

To the Director of the Public Registry, to make the necessary annotation or correction in the Act of Marriage number 2492/2024 so that the surname adopted after marriage by spouse (2) is corrected from 'Vella' to 'Buhagiar', and so that the family name is corrected from 'Buhagiar Vella' to 'Buhagiar'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Wednesday 20th August, 2025

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

2117

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tal-14 ta' Awwissu, 2025, u dan wara Rikors b'numru 760/2025, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li jagħmel l-annotazzjoni jew korrezzjoni neċessarja fl-Att taż-Żwieġ numru 931/2025 sabiex il-kunjom illi addottat wara ż-żwieġ il-konjuġi (2) (u ċoè l-mara) kif ukoll l-isem tal-familja jiġu korretti minn 'Karacik Bezzina' għal 'Karacik' biss.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum l-Erbgħa 20 ta' Awwissu, 2025

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 14th August, 2025, and upon an application numbered 760/2025, ordered:

To the Director of the Public Registry, to make the necessary annotation or correction in the Act of Marriage number 931/2025 so that the surname adopted after the marriage by spouse (2) (therefore, the wife), as well as the family name, are corrected from 'Karacik Bezzina' to 'Karacik' only.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Wednesday 20th August, 2025

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

2118

DKR 272/2017 – KANĊELLAZZJONI TAL-IFFRIŻAR TAL-ASSI

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-13 ta' Ġunju, 2025, mill-Qorti tal-Appell Kriminali (l-Onor. Imħallef Dott. Consuelo Scerri Herrera, LLD) wara rikors ippreżentat minn Joseph Calleja fl-10 ta' Ġunju, 2025, u insegwitu tal-esekuzzjoni tas-sentenza mogħtija mill-istess Qorti fit-22 ta' Settembru, 2020, Appell numru 17/2020, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija

DKR 272/2017 – CANCELLATION OF A FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 13th June, 2025, given by the Court of Criminal Appeal (the Hon. Justice Dr Consuelo Scerri Herrera, LLD) after an application filed by Joseph Calleja on the 10th of June, 2025, and following the execution of judgement given by the same court on the 22nd of September, 2020, Appeal number 17/2020, in the case in the names:

The Police

(l-Ispettur Matthew Vella)
(l-Ispettur Priscilla Caruana Lee)

Kontra

JOSEPH CALLEJA, ta' 68 sena, iben il-mejtin Raphael u Gasparina xebba Cutajar, imwieled Ħal Qormi, Malta, fis-17 ta' Settembru 1956, residenti fil-fond bin-numru 32, Shaday, Triq Don Alvaro De Sande, Il-Mosta, Malta, u detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 655056M.

Il-Qorti ORDNAT IT-TĦASSIR tal-ordni tas-sekwestru tal-assi kollha tal-imsemmi Joseph Calleja, liema ordni kienet ġiet mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Joseph Mifsud, LLD) fis-7 ta' Lulju, 2017, u pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-21 ta' Lulju, 2017.

Din il-pubblikazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 5(6) tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illum 20 ta' Awwissu, 2025

Reġistru tal-Qrati ta' Ġuriżdizzjoni Kriminali (Malta)

MARVIC PSAILA
Deputat Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali (Malta)

(Inspector Matthew Vella)
(Inspector Priscilla Caruana Lee)

Versus

JOSEPH CALLEJA, 68 years, son of the late Raphael and of the late Gasparina née Cutajar, born in Ħal Qormi, Malta, on the 17th September, 1956, residing at number 32, Shaday, Triq Don Alvaro De Sande, Mosta, Malta, and holder of Maltese identity card bearing number 655056M.

The Court ORDERED THE CANCELLATION of the freezing order of all the assets of the said Joseph Calleja, which order was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Joseph Mifsud, LLD) on the 7th July, 2017, and published in the Government Gazette of the 21st July, 2017.

This order is being published according to section 5(6) of Cap. 373 of the Laws of Malta.

Today 20th of August, 2025

Registry of the Courts of Criminal Judicature (Malta)

MARVIC PSAILA
Deputy Registrar, Criminal Courts and Tribunals

2119

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-17 ta' Lulju, 2025, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1457/2025, fl-ismijiet Christopher Mifsud vs Western Company Ltd ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Western Company Limited a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 23 ta' April, 2025

Lil Western Company Ltd (C19994) ta' Gianluca Garage, Triq Santa Marija, Birkirkara

Permezz tal-preżenti Christopher Mifsud (KI 0396782M) ta' 34, Dreger, Triq is-Sikka, In-Naxxar, filwaqt li jirreferik għas-sentenza finali tal-Prim'Awla tal-Qorti datata 10 ta' Diċembru, 2020, fl-ismijiet Christopher Mifsud vs Carmelo Bianco f'ismu proprju u kif ukoll għan-nom u inrappreżentanza ta' Western Company Limited et (Ref. 375/2019GM) u d-digriet tal-Prim'Awl tal-Qorti data 20 ta' Frar, 2025, fl-ismiiet Western Company Limited vs Christopher Mifsud (Ref. 49/25TA) jinterpellak sabiex fi żmien jumejn (2) mid-data tan-notifika tiegħek ta'din l-ittra tħallas l-ammont ta' €2,796.77 rappreżentanti l-ispejjeż

By means of a decree of the 17th July, 2025, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 1457/2025 in the names Christopher Mifsud vs Western Company Ltd, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Western Company Limited in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 23rd April, 2025

To Western Company Ltd (C19994) of Gianluca Garage, Triq Santa Marija, Birkirkara

By the present, Christopher Mifsud (ID 0396782M) of 34, Dreger, Triq is-Sikka, Naxxar, whilst referring to the final judgement of the First Hall Civil Court dated 10th December, 2020, in the names Christopher Mifsud vs Carmelo Bianco in his own name and also in the name and in representation of Western Company Limited et (Ref. 375/2019GM) and the decree of the Civil Court First Hall dated 20th February, 2025, in the names Western Company Limited vs Christopher Mifsud (Ref. 49/25TA) calls upon you so that within two (2) days from the date of your notification of this letter you pay the amount of €2,796.77 representing the costs incurred by

inkorsi mill-mittenti fil-proċeduri ġudizzjari surreferiti. Għal kull bon fini kopja tat-taxxi uffiċjali qegħdin jiġu hawn annessi u mmarkati bħala Dok. A u Dok. B rispettivament.

F'każ illi inti tibqa' inadempjenti oltre t-terminu preskritt, il-mittenti ma jkollu ebda' għazla oħra għajr illi jipproċedi ulterjorment fil-konfront tiegħek, inkluż bil-ħruġ tal-mandati opportuni.

Din l-ittra ufficjali qiegħda tintbagħat għall-fini u effetti kollha tal-liġi.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 22 ta' Awwissu, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

the interpellant in the judicial procedures above mentioned. For all intents and purposes a copy of the judicial taxed bills of costs are here attached and marked as Doc. A and Doc. B respectively.

In case you remain in default beyond the time prescribed, the interpellant will have no choice but to proceed further against you, including the issue of the opportune warrants,

This judicial letter is being sent for all intents and purposes of law.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 22nd August, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2120

Permezz ta' digriet mogħti fis-17 ta' Lulju, 2025, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1461/2025, fl-ismijiet Finance House plc vs Isa Kemer Ismael, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ordnat is-segwenti publikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Isa Kemer Ismael (KI 9000136A) ta' Velcourt, Flat 3, Triq Salvu Busuttil, San Ġwann, fl-24 ta' April, 2025, Finance House plc (C58869) ta' Agora Business Centre, Level Three, Triq il-Wied tal-Imsida, L-Imsida, tagħmlillek referenza għall-kambjali ffirmati u aċċettati minnek numerati minn numru 17 san-numru 33, kopja ta' liema qed jiġu annessi ma' din l-ittra uffiċjali, u peress illi dawn il-kambjali kellhom jitħallsu kull nhar l-5 tax-xahar u ċoè bejn il-5 ta' Ottubru, 2023 u l-5 ta' Frar, 2025, rispettivament, baqgħu ma tħallsux minkejja li għadda t-tali żmien u minkejja li ġejt interpellat kemm-il darba, tinterpellak sabiex entru jumejn (2) min-notifika lilek ta' din l-ittra uffiċjali tħallas lill-kumpanija mittenti s-somma kumplessiva ta' €3,022.09 rappreżentanti import tal-imsemmija kambjali, liema kambjali ġew minnek iffirmati u baqgħu ma tħallsux.

Il-kumpanija mittenti tavżak illi jekk tonqos milli tottempra ruħek mas-su espost ser tipproċedi bl-esekuzzjoni tal-imsemmija kambjali ai termini tal-artikolu 253(e) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għall-fini u l-effetti kollha tal-liġi, kun avżat illi ai termini tal-artikolu 253(e) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta għandek id-dritt sabiex fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika ta' din l-ittra uffiċjali tippreżenta rikors sabiex topponi għall-esekuzzjoni tal-imsemmija kambjali minħabba

By means of a decree of the 17th July 2025, in the records of the judicial letter number 1461/2025, in the names Finance House plc vs Isa Kemer Ismael, the Courts of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Isa Kemer Ismael (ID 9000136A) of Velcourt, Flat 3, Triq Salvu Busuttil, San Ġwann, on the 24th April, 2025, Finance House plc (C58869) of Agora Business Centre, Level Three, Triq il-Wied tal-Imsida, Msida, referred to the bills of exchange signed and accepted by you numbered 17 till 33, a copy of which is being attached with this judicial letter, and noted that these bills of exchange had to be paid every 5th day of the month and that is between the 5th October, 2023 and 5th February, 2025, respectively, and you remained in default although time has passed and although you were solicited several times, so it solicits you so that within two (2) days from the notification of this judicial letter you pay the interpellant company the total amount of €3,022.09 representing the value of the said bills of exchange, which bills of exchange were signed by you and you remained in default.

The interpellant company warns you that if you fail to abide with the above the company will proceed for the execution of the said bills of exchange in terms of article 253(e) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

For all the effects and purposes of law, you are warned that in terms of article 253(e) of Cap. 12 of the Laws of Malta you have the right so that within twenty (20) days from the notification of this judicial letter you file an application to oppose the execution of the said bill of exchange on the basis

r-raġuni illi l-firma fuq il-kambjala mhijiex tiegħek jew minħabba raġuni gravi u valida.

Tant biex tagħraf timxi u tirregola ruħek.

Bl-ispejjeż, inkluzi tal-preżenti, kontra tiegħek u bl-imgħaxijiet legali mid-data rispettiva ta' kull kambjala sad-data tal-pagament effettiv.

Din l-ittra uffiċjali qed tintbagħat sabiex trendi l-imsemmija kambjala esegwibbli ai termini tal-Artikolu 256(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 22 ta' Awwissu. 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

that the signature on the bill of exchange is not yours or for grave and valid reasons.

So much so may know how to proceed and regulate yourself.

With costs, including of this present against you and with legal interest from the date of expiry of the said bills of exchange till the date of effective payment.

This judicial letter is being sent to render the said bill of exchange executable in terms of Article 256(2) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 22nd August, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2121

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-25 ta' Lulju, 2025, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1901/2025, fl-ismijiet Automated Revenue Management Services Ltd noe vs George Kweku Asante Adade ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' George Kweku Asante Adade a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 19 ta' Mejju, 2025

Lil George Kweku Asante Adade (KI 59586A) ta' 20, Stonegate Res, Fl. 17, Triq Bernardette, San Ġwann

Permezz tal-preżenti Automated Revenue Management Services Ltd (C46054) ta' Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, f'isimha proprju u għan-nom ta' Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, qed tinnotifikak bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata bħala Dokument A għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed tinterpellak sabiex tħallas is-somma ta' €5,479.70, liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti bilanċ dovut għall-konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjeż amministrattivi, connection u disconnection fees u/jew kull ħlas ieħor skont ir-regolamenti fuq il-provvista tal-elettriku, jew ir-regolamenti dwar il-fornitura tal-ilma, flimkien mal-imgħax dovut fuq l-ammont u liema ammont jikkonsisti fis-segwenti:

i. Inkwantu l-kont numru 411000196506 l-ammont ta' €1,553.31 fil-fond bl-indirizz Apt 15, 20, Triq Bernardette, San Ġwann; u

By means of a decree of the 25th July, 2025, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 1901/2025 in the names Automated Revenue Management Services Limited noe vs George Kweku Asante Adade, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent George Kweku Asante Adade in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 19th May, 2025

To George Kweku Asante Adade (ID 59586A) of 20, Stonegate Res, Fl. 17, Triq Bernardette, San Ġwann

By the present, Automated Revenue Management Services Limited (C 46054) of Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, in its own name and on behalf of Enemalta plc and Water Services Corporation, notifies you with the attached sworn declaration marked as Document A for all the purposes and effects of Article 466 of Cap. 12 of the Laws of Malta and solicits you to pay the amount of €5.479.70, which amount is sure, liquid and due and representing the balance due for the consumption of water and electricity, rent of water and electricity meter, administrative fees, connection and disconnection fees, and/or any other payment according to the electricity supply regulations and the water supply regulations together with interest due on the amount and which amount consists of the following:

i. As for bill number number 411000196506 the amount of €1,553.31 of the premises with address Apt 15, 20, Triq Bernardette, San Ġwann; and

ii. Inkwantu l-kont numru 411000196508 l-ammont ta' €1,013.77 fil-fond bl-indirizz Apt 14, 20, Triq Bernardette, San Ġwann; u

iii. Inkwantu l-kont numru 411000196510 l-ammont ta' €960.83 fil-fond bl-indirizz Apt 16, 20, Triq Bernardette, San Ġwann; u

iv. Inkwantu l-kont numru 411000196511 l-ammont ta' €100.03 fil-fond bl-indirizz Apt 17, 20, Triq Bernardette, San Ġwann; u

v. Inkwantu l-kont numru 411000196512 l-ammont ta' €1,851.76 fil-fond bl-indirizz Apt 18, 20, Triq Bernardette, San Ġwann.

Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-ammont dovut, inti nqast milli tħallas sal-ġurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. Aktar minn hekk ma hemm l-ebda raġuni valida għal din l-inadempjenza u int qatt ma kkontestajt l-ammont dovut.

Dan l-att qiegħed jintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni daparti tiegħek fit-termini tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mittenti tgħaddu biex tesegwixxu dan il-krettu skont il-liġi.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 22 ta' Awwissu, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

ii. As for bill number 411000196508 the amount of €1,013.77 of the premises with address Apt 14, 20, Triq Bernardette, San Ġwann; and

iii. As for bill number 411000196510 the amount of €960.83 of the premises with address Apt 16, 20, Triq Bernardette, San Ġwann; and

iv. As for bill number 411000196511 the amount of €100.03 of the premises with address Apt 17, 20, Triq Bernardette, San Ġwann; and

v. As for bill number 411000196512 the amount of €1,851.76 of the premises with address Apt 18, 20, Triq Bernardette, San Ġwann.

Despite several solicitations by the applicant company for the payment of the amount due, you remained in default and did not pay till the day of the filing of this judicial letter. In addition, there is no valid reason for your failure to pay and you never contested the amount due.

This act is being sent to you for all the purposes and effects of law and in default of payment or opposition on your part within the time mentioned in Article 466 Cap. 12 of the Laws of Malta, the applicant company shall proceed to enforce this credit according to law.

With costs

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 22nd August, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2122

Permezz ta' digriet mogħti fl-10 ta' Ġunju, 2025, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 535/2025, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs Julien Iwueke, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Julien Iwueke (KI 436692M) ta' 2, Terrence, Triq il-Laringè, Ħ'Attard, ATD 2531, Malta, fil-11 ta' Frar, 2025, il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ta' Amministrazzjoni tat-Taxxa u d-Dwana ta' Malta, Il-Furjana, jinterpellak biex fi żmien jumejn tħallas is-somma ta' €1,073 kwantu għal €778 rappreżentanti taxxa fuq id-dħul jew taxxa proviżorja għas-snin ta' stima 2015 u 2016 u kwantu għal €295 bħala taxxa addizzjonali u interessi skont l-avviż/talba għall-ħlas hawn unit animo ritirandi u mmarkat Dok. A.

By means of a decree of the 10th June, 2025, given by the Courts of Magistrates (Malta), in the records of the judicial letter number 535/2025, in the names Commissioner for Tax and Customs vs Julien Iwueke, ordered the following publication for the purpose of service in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Volontarja bix-xhieda ta' Dott. Brigitte Sultana, Duttur tal-Liġi, Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 22 ta' Awwissu, 2025

DANIEL SACCO
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

order to oppose that request by means of a note within fifteen days which start running from the day of the posting of the banns.

Issued by the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction, with the testimony of Dr Brigitte Sultana, Doctor of Law, Magistrate of the aforementioned Court.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

Voluntary Jurisdiction

Today the 22nd of August, 2025

DANIEL SACCO
Deputy Registrar, for the Registrar, Courts and Tribunals (Gozo)

2134

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-30 ta' April, 2025, fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti Francesca Lavacca pro et noe fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1927/2025 fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fit-28 ta' April, 2025, tal-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ta' Blokk 5, Triq Vincenzo Dimech, Il-Furjana, kontra kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Francesca Lavacca (passaport numru YA3669358) f'isimha personali kif ukoll bħala direttriċi għan-nom u inrappreżentanza tas-soċjetà Euro Form Limited (C68271) preżentement imħassra mir-Reġistru tal-Kumpaniji fejn permezz tal-preżenti l-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana jinterpellakom ai termini tal-Artiklu 59 tal-Att XXIII tal-1998, sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att, tħallsu l-ammont ta' €378,356.43 rappreżentanti ammont minnkom dovut pro et noe bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud skont l-istess Att.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skont dak l-Att sad-data tal-pagament effettiv.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u partikolarment, iżda mhux esklussivament sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li l-istess Kummissarju

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 30th April, 2025, following a request by Commissioner for Tax and Customs it was ordered that deputy curators be chosen to represent the absent Francesca Lavacca pro et noe in the acts of the judicial letter number 1927/2025 in the names Commissioner for Revenue and Customs vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a judicial letter filed in the First Hall of the Civil Courts on the 28th April, 2025, by The Commissioner for Tax and Customs of Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Floriana, against deputy curators to represent the absent Francesca Lavacca (passport number YA3669358) in her own name and as director in the name and in representation of the company Euro Form Limited (C68271) currently struck off the Registry of Companies, the Commissioner for Tax and Customs calls upon you in terms of Article 59 of Act XXIII of 1998 so that within two (2) days from the service of this act, you pay the amount of €378,356.43 representing amount due by you as Value Added Tax according to the same Act .

With costs and interest according to the said Act till the date of effective payment.

This call is being made for all intents and purposes of law, particularly, but not exclusively, in order to render executable the executive title which the same Commissioner

tat-Taxxa u d-Dwana għandu kontra tagħkom permezz tal-avviż li ntbagħat lilkom.

Fin-nuqqas, il-mittenti javżakom li se jgħaddi sabiex jesegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tagħkom pro et noe permezz tal-mandati opportuni.

Tant sabiex tirregolaw ruħkom u tagħrfu timxu.

Rikorrenti: Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana, Blokk 5, Triq Vincenzo Dimech, Il-Furjana

Intimati: Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Miriam Hayman, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 30 ta' April, 2025

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' Awwissu, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

for Tax and Customs has against you by means of a notice sent to you.

In default, the interpellant informs you that they shall pass to execute the said executive title he has against you pro et noe by means of the opportune warrants without further notice.

So much so that you may know how to regulate yourselves and to proceed.

Interpellant: Commissioner for Tax and Customs, Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Floriana

Notification: Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Madam Justice Miriam Hayman, LLD, Doctor of Laws.

Today 30th April, 2025

Registry of the Superior Courts, today 22nd August, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2135

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-28 ta' Mejju, 2025, fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti Hlynur Sigmarsson f'ismu personali kif ukoll bħala direttur għan-nom u inrappreżentanza tas-soċjetà Fresh Seafood OG Ltd preżentement imħassra mir-Reġistru

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 28th May, 2025, following a request by Commissioner for Tax and Customs it was ordered that deputy curators be chosen to represent the absentee Hlynur Sigmarsson in his own name and as director for and on behalf of the company Fresh Seafood OG Ltd presently struck off from the Registrar of

tal-Kumpaniji fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2462/2025 fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fis-27 ta' Mejju, 2025 tal-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ta' Blokk 5, Triq Vincenzo Dimech, Il-Furjana, kontra kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Hlynur Sigmarsson (passaport numru A1150811) f'ismu personali kif ukoll bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Fresh Seafood OG Ltd (C47191) preżentement imħassra mir-Reġistru tal-Kumpaniji fejn permezz tal-preżenti l-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana jinterpellakom ai termini tal-Artiklu 59 tal-Att XXIII tal-1998, sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att, tħallsu l-ammont ta' €2,366,443.54 rappreżentanti l-ammont minnkom dovut pro et noe bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud skont l-istess Att.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skont dak l-att sad-data tal-pagament effettiv.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u partikolarment, iżda mhux esklussivament sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li l-istess Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana għandu kontra tagħkom permezz tal-avviż li ntbagħat lilkom.

Fin-nuqqas, il-mittenti javżakom li se jgħaddi sabiex jesegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tagħkom pro et noe permezz tal-mandati opportuni.

Tant sabiex tirregolaw ruħkom u tagħrfu timxu.

Rikorrenti: Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana, Blokk 5, Triq Vincenzo Dimech, Il-Furjana

Intimati: Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Francesco Depasquale, LLD, Duttur tal-Liġi.

Companies in the acts of the judicial letter number 2462/2025 in the names Commissioner for Tax and Customs vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a judicial letter filed in the First Hall of the Civil Courts on the 27th May, 2025, by The Commissioner for Tax and Customs of Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Floriana, against deputy curators nominated to represent the absentee Hlynur Sigmarsson (passport number A1150811) in his own name and as director for and on behalf of the company Fresh Seafood OG Ltd (C47191) presently struck off from the Registrar of Companies, the Commissioner for Tax and Customs calls upon you in terms of Article 59 of Act XXIII of 1998 so that within two (2) days from the service of this act, you pay the amount of €2,366,443.54 representing amount due by you pro et noe as value added tax according to the same Act .

With costs and interest according to that Act till the date of effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law, particularly, but not exclusively, in order to render executable the executive title which the same Commissioner for Tax and Customs has against you by means of a notice sent to you.

In default, the interpellants informs you that they shall pass to execute the said executive title they have against you pro et noe by means of the opportune warrants.

So much so that you may know how to regulate yourselves and to proceed.

Interpellant: Commissioner for Tax and Customs – Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Floriana

Notification: Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Francesco Depasquale, LLD, Doctor of Laws.

Illum 28 ta' Mejju, 2025

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' Awwissu, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

Today 28th May, 2025

Registry of the Superior Courts, today 22nd August, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2136

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-28 ta' Mejju, 2025, fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti Giuseppe Melilli f'ismu personali kif ukoll bħala direttur għan-nom u inrappreżentanza tas-soċjetà Medlog Ltd preżentement imħassra mir-Reġistru tal-Kumpaniji fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2461/2025 fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fis-27 ta' Mejju, 2025, tal-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ta' Blokk 5, Triq Vincenzo Dimech, Il-Furjana, kontra kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Giuseppe Melilli (passaport numru AR3218813) f'ismu personali kif ukoll bħala direttur għan-nom u inrappreżentanza tas-soċjetà Medlog Ltd (C63543) preżentement imħassra mir-Reġistru tal-Kumpaniji fejn permezz tal-preżenti l-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana jinterpellakom ai termini tal-Artiklu 59 tal-Att XXIII tal-1998, sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att, tħallsu l-ammont ta' €49,341.39 rappreżentanti l-ammont minnkom dovut pro et noe bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud skont l-istess Att.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skont dak l-att sad-data tal-pagament effettiv.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u partikolarment, iżda mhux esklussivament sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li l-istess Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana għandu kontra tagħkom permezz tal-avviż li ntbagħat lilkom.

Fin-nuqqas, il-mittenti javżakom li se jgħaddi sabiex jezegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tagħkom pro et noe permezz tal-mandati opportuni.

Tant sabiex tirregolaw ruħkom u tagħrfu timxu.

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 28th May, 2025, following a request by Commissioner for Tax and Customs it was ordered that deputy curators be chosen to represent the absentee Giuseppe Melilli in his own name and as director for and on behalf of the company Medlog Ltd presently struck off from the Registrar of Companies in the acts of the judicial letter number 2461/2025 in the names Commissioner for Tax and Customs vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a judicial letter filed in the First Hall of the Civil Courts on the 27th May, 2025, by The Commissioner for Tax and Customs of Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Floriana, against deputy curators nominated to represent the absentee Giuseppe Melilli (passport number AR3218813) in his own name and as director for and on behalf of the company Medlog Ltd (C63543) presently struck off from the Registrar of Companies, the Commissioner for Tax and Customs calls upon you in terms of Article 59 of Act XXIII of 1998 so that within two (2) days from the service of this act, you pay the amount of €49,341.39 representing amount due by you pro et noe as value added tax according to the same Act .

With costs and interest according to that Act till the date of effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law, particularly, but not exclusively, in order to render executable the executive title which the same Commissioner for Tax and Customs has against you by means of a notice sent to you.

In default, the interpellants informs you that they shall pass to execute the said executive title they have against you pro et noe by means of the opportune warrants.

So much so that you may know how to regulate yourselves and to proceed.

Rikorrenti: Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana, Blokk 5, Triq Vincenzo Dimech, Il-Furjana

Intimati: Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Francesco Depasquale, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 28 ta' Mejju, 2025

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' Awwissu, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

Interpellant: Commissioner for Tax and Customs, Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Floriana

Notification: Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Francesco Depasquale, LLD, Doctor of Laws.

Today 28th May, 2025

Registry of the Superior Courts, today 22nd August, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2137

Permezz ta' digriet mogħti fis-7 ta' Awwissu, 2025, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tal-Mandat ta' Żgumbrament numru 693/2025, fl-ismijiet (rikorrenti) il-Perit Mark Montebello et vs (intimat) Paul Mallia ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Paul Mallia a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors ippreżentat mill-Bord li Jirregola l-Kera, fl-ismijiet (rikorrenti) Il-Perit Mark Montebello (KI 204778M), John Soler (KI 951349M), Dott. Paul Soler (KI 652060M) u Adelaide Abela (KI 563546M) vs (intimat) Paul Mallia (KI 0011583M), fit-30 ta' April, 2025, ir-rikorrenti Il-Perit Mark Montebello, John Soler, Dott. Paul Soler u Adelaide Abela talbu lil dan l-Onorabbli Board:

Jordna l-ħruġ ta' Mandat ta' Żgumbrament kontra l-intimat (mill-fond infraskritt) in esekuzzjoni tas-sentenza infraskritta, u billi l-intimat naqas li jagħmel dan sal-lum.

Fond: 9, Main Street, Ħaż-Żabbar

By means of a decree of the 7th August ,2025, by the Rent Regulation Board, in the records of the Warrant of Eviction Number 693/2025 in the names (Applicant) Architect Mark Montebello et vs (respondent) Paul Mallia the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent Paul Mallia in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

By means of an application in the Rent Regulation Board, in the names (applicants) Architect Mark Montebello (ID 204778M), John Soler (ID 951349M), Dr Paul Soler (ID 652060M) and Adelaide Abela (ID 563546M) vs (respondent) Paul Mallia (ID 0011583M), filed on the 30th April, 2025, the applicants Architect Mark Montebello, John Soler, Dr Paul Soler and Adelaide Abela asked this Honourable Board:

To order the issuing of a Warrant of Eviction against the respondent (from the under mentioned premises) in execution of the under mentioned judgement and this since the respondent failed to do this till this day.

Premises: 9, Main Street, Ħaż-Żabbar

Sentenza: skont sentenza deċiża mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-14 ta' Frar, 2025 (Rikors numru 46/2024JG) fl-ismijiet Il-Perit Mark Montebello et vs Paul Mallia (Dok. A), liema sentenza ma ġietx appellata (Dok. B) u li permezz tagħha r-rikorrenti ġew awtorizzati jirriprendu l-pussess tal-fond numru 9, Main Street, Ħaż-Żabbar, u l-intimat Paul Mallia ġie ordnat jiżgombra mill-fond fi żmien 21 jum mid-data tas-sentenza.

Judgement: according to a judgement by the Rent Regulation Board decided on the 14th February, 2025, (Application number 46/2024JG) in the names Architect Mark Montebello et vs Paul Mallia (Doc. A), which judgement was not appealed (Doc. B) and by means of which the applicants were authorised to take back the possession of the premises 9, Main Street, Ħaż-Żabbar, and the respondent Paul Mallia was ordered to evict from the premises within 21 days from the date of the judgement.

Illum 30 ta' April, 2025

Today 30th April, 2025

Ippreżentant mill-Avukat Penelope Micallef Vassallo u l-PL Peter Paul Sammut

Filed by Dr Penelope Micallef Vassallo and PL Peter Paul Sammut.

Mandat ta' Żgumbrament

Warrant of Eviction

Repubblika ta' Malta

Republic of Malta

Mandat tal-Qorti

Court Warrant

Lill-Marixxall tal-Qorti

To the Court Marshall

Mogħti mill-Qorti hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Maġistrat Charmaine Galea, LLD, Duttur tal-Liġi.

Given by the Court , above mentioned, with the witness of the Hon. Dr Charmaine Galea, LLD, Doctor of Laws.

Illum 2 ta' Mejju, 2025

Today 2nd May, 2025

Rikorrenti: 15/4, Triq Ġużè Howard, Tas-Sliema

Applicants: 15/4, Triq Ġużè Howard, Tas-Sliema

Notifika Intimat: 9, Main Street, Ħaż-Żabbar

Notification respondent: 9, Main Street, Ħaż-Żabbar

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' Awwissu, 2025

Registry of the Superior Courts, today 22nd August, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2138

Permezz ta' digriet mogħti fit-23 ta' Ġunju, 2025, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Alessandro sive Sandro Psaila vs Salvina Azzopardi et, Rikors numru 69/2025JG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Salvina Azzopardi a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

By means of a decree of the 23rd June, 2025, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Alessandro sive Sandro Psaila vs Salvina Azzopardi et, Application number 69/2025JG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Salvina Azzopardi in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Alessandro sive Sandro Psaila (KI 261164M) vs Salvina Azzopardi (KI 668438M) u l-Awtorità tad-Djar bħala intervenuta fil-kawża, ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera fit-12 ta' Marzu, 2025, ir-rikorrenti Alessandro sive Sandro Psaila (KI 261164M) talab lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

By means of an application in the names Alessandro sive Sandro Psaila (ID 261164M) vs Salvina Azzopardi (ID 668438M) and the Housing Authority intervener in the case filed in the Rent Regulation Board, on the 12th March, 2025, the applicant Alessandro sive Sandro Psaila (ID 261164M) requested this Honourable Board why it should not:

1. Iwettaq it-test tal-mezzi tal-konvenuta Salvina Azzopardi, li għandu jkun ibbażat fuq it-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), maħruġa taħt l-Artikolu 1622A tal-Kodiċi u kwalunkwe regolamenti li jistgħu minn żmien għal żmien jissostitwuhom;

2. Kontestwalment mat-test tal-mezzi jinħatru periti sabiex jivvalutaw il-fond 140 ġja 205, Triq iż-Żewġ Mini, L-Isla, oġġett tal-kawża b'seħħ mill-1 ta' Jannar, 2025;

3. F'każ illi l-konvenuti ma jissodisfawx il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi jordna l-iżgumbrament tal-inkwilini wara perjodu li ma jeċċedix is-sentejn filwaqt li jiffissa kumpens pagabbli lir-rikorrenti għall-okkupazzjoni tad-dar ta' abitazzjoni matul l-imsemmi perjodu u dan ai termini tal-Artikolu 4A(4) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. F'każ illi l-konvenuta tissodisfa l-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi jawmenta l-kera għal 2% fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar oġġett tal-kawża kif hawn fuq premess, liema kera għandha tibda titħallas mid-data tas-sentenza u dan ai termini tal-Artikolu 4A(2) u 5 tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Jagħti kull provvediment u jew ordni oħra neċessarja.

Rikorrenti: La Terrazza, Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar

Intimata: Salvina Azzopardi 205, Flt 2, Triq iż-Żewġ Mini, L-Isla

Ir-rikors fl-ismijiet Alessandro sive Sandro Psaila vs Salvina Azzopardi et, Rikors numru 69/2025JG, jinsab differit għat-8 ta' Ottubru, 2025, fl-10.40 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' Awwissu, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

1. Carry out the means test of the defendant Salvina Azzopardi, which shall be based on the means test established in the Rules of the Continuation Tenancies (Means Testing Criteria), issued under Article 1622A of the Civil Code and any regulations which may from time to time replace them;

2. Together with the means test architects are appointed to assess the premises 140 previously 205, Triq iz-Żewg Mini, Senglea, object of the cause with effect from 1st January, 2025;

3. In case the defendant does not satisfy the criteria of income and capital of the means test order the eviction of the lessee after a period which does not exceed two years whilst fixing compensation payable to the applicants for the occupation of the dwelling house during the said period and this in terms of Article 4A(4) of Cap. 69 of the Laws of Malta;

4. In case the defendant satisfies the criteria of income and capital of the means test increases the rent to 2% per year of the free and unencumbered open market value of the house object of the cause as above premised, which rent is to start being paid from the date of judgement and this in terms of Article 4A(2) and 5 of Cap. 69 of the Laws of Malta.

5. Give any other necessary provisions and or orders.

Applicant: La Terrazza, Triq San Pawl, St Paul's Bay

Respondent: Salvina Azzopardi, 205, Flt 2, Triq iż-Żewġ Mini, Senglea

The application in the names Alessandro sive Sandro Psaila vs Salvina Azzopardi, Application number 69/2025JG, has been postponed for hearing to the 8th October, 2025, at 10.40 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 22nd August, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2139

B'diġriet tat- 3 ta' Ġunju, 2025, mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodici tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap.12).

Illi b'rikors ippreżentat minn HSBC Bank Malta plc fl-14 ta' Jannar, 2025, qed jintalab l-iżbank fl-ammont ta' tlett elef, ħames mija u ħamsa u tletin ewro u wieħed u ħamsin

By a decree given on the 3rd of June, 2025, given by the First Hall of the Civil Courts ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

That by the application filed by HSBC Bank Malta plc on the 14th January, 2025, is requesting the withdrawal of the amount of five thousand, five hundered and thirty five euro

ċenteżmu (€3535.51) li ġew depożitati permezz ta' Ċedola numru 278/2023 fl-ismijiet:

HSBC Bank Malta plc vs Alexander Boicuic et

Il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontraparti b'għaxart (10) ijiem żmien għar-risposta.

Reġistru tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Malta), illum il-Ġimgħa, 22 ta' Awwissu, 2025

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

and fifty one cents (€3535.51) deposited by the Schedule of Deposit number 278/2023 in the names of:

HSBC Bank Malta plc vs Alexander Boicuic et

The Court ordered the notification to the counterparties with ten (10) days to reply.

Registry of the Civil Court First Hall (Malta), today Friday, 22 nd August, 2025

MARVIC FARRUGIA
For Registrar of Courts and Civil Tribunals

2140

ARB/C065/2024 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-6 ta' Awwissu, 2025, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (il-Maġistrat Dott. Donatella M. Frendo Dimech, LLD). Kumpilazzjoni Numru 639/2024, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

LUKE FARRUGIA;

CLINT LAWRENCE D'AMATO;

DENZIL FARRUGIA;

ALEXANDRA SUHOV POCORA;

KANE VASSALLO, barbier, ta' 23 sena, iben Clifford (Clifford James) Vassallo u Sharon Vassallo xebba Buhagiar, imwieled Tal-Pietà, Malta, fis-17 ta' Settembru, 2001, u residenti f'37, Block 3, Door B, Flat 7, Triq iż-Żerniq, Is-Siġġiewi, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 373701L.

GORDON CASSAR;

LUCA EMANUELE CORITO;

DYLAN MCKAY;

U

NICOLAE EFIMOV;

Il-Qorti ORDNAT illi l-ordni ta' qbid u ffriżar maħruġa fit-13 ta' Awwissu, 2024, fil-konfront ta' KANE VASSALLO

ARB/C065/2024 – VARIATION OF SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 6th August, 2025, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Donatella M. Frendo Dimech, LLD). Compilation Number 639/2024, in the case:

The Republic of Malta

Versus

LUKE FARRUGIA;

CLINT LAWRENCE D'AMATO;

DENZIL FARRUGIA;

ALEXANDRA SUHOV POCORA;

KANE VASSALLO, barber, 23 years, son of Clifford (Clifford James) Vassallo and Sharon Vassallo née Buhagiar, born in Tal-Pietà, Malta, on the 17th September, 2001, and residing at 37, Block 3, Door B, Flat 7, Triq iz-Żerniq, Siġġiewi, and holder of Maltese identity card bearing number 373701L.

GORDON CASSAR;

LUCA EMANUELE CORITO;

DYLAN MCKAY;

AND

NICOLAE EFIMOV;

The Court ORDERED that the seizing and freezing order issued on 13th August, 2024, against KANE VASSALLO is

qed tiġi limitata għas-somma ta' ħamsa u ħamsin elf u mitejn u sebgħa u ħamsin ewro (€55,257) bħala l-assi li għandhom ikunu suġġetti għall-konfiska fil-każ ta' sejbien ta' ħtija.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini Artikolu 36 (4)(a) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Claire Stafrace Zammit, LLD), fit-13 ta' Awwissu, 2024, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fit-23 ta' Awwissu, 2024, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' Luke Farrugia, Clint Lawrence D'Amato, Denzil Farrugia, Alexandra Suhov Pocora, KANE VASSALLO, Gordon Cassar, Luca Emanuele Corito, Dylan Mckay, u Nicolae Efimov.

Illum 18 ta' Awwissu, 2025

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

being limited to the sum of fifty-five thousand, two hundred fifty-seven euro (€55,257) as the assets that shall be subject to confiscation in the case of a conviction.

This variation is being published in terms of Article 36 (4)(a) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Claire Stafrace Zammit, LLD) on the 13th August, 2024, which was published in the Government Gazette on the 23rd August, 2024, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to Luke Farrugia, Clint Lawrence D'Amato, Denzil Farrugia, Alexandra Suhov Pocora, KANE VASSALLO, Gordon Cassar, Luca Emanuele Corito, Dylan Mckay, and Nicolae Efimov.

Today 18th August, 2025

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

2141

ARB/C058/2025 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fis-7 ta' Awwissu, 2025, mill-Qorti Kriminali (l-Onor. Imħallef Dott. Neville Camilleri, LLD). Fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

CASEY BORG, ħaddiem fil-Freeport ta' Malta, ta' 37 sena, iben Saviour Borg u Rita Borg xebba Gatt, imwieled Tal-Pietà fl-4 ta' Diċembru, 1987, u residenti f'5, 'Titanic', Triq A. G. Chesney, Ix-Xgħajra, Malta, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 545987M.

Il-Qorti AWTORIZZAT lil CASEY BORG sabiex jipperċepixxi u jirtira s-somma annwali ta' tlettax-il elf disa' mija u sitta u sebgħin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24), u dan ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 36 (4) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Astrid May Grima, LLD), fl-1 ta' Mejju, 2025, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fis-6 ta'

ARB/C058/2025 – VARIATION OF SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 7th August, 2025, given by the Criminal Court – (Hon. Judge Dr Neville Camilleri, LLD). In the case:

The Republic of Malta

Versus

CASEY BORG, Malta Freeport worker, 37 years, son of Saviour Borg and Rita Borg née Gatt, born in Tal-Pietà on the 4th December, 1987, and residing at 5, 'Titanic', Triq A. G. Chesney, Xgħajra, Malta, and holder of a Maltese identity card bearing number 545987M.

The Court AUTHORISED CASEY BORG to perceive and withdraw the annual amount of thirteen thousand, nine hundred and seventy-six euro and twenty-four cents (€13,976.24) as per Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta.

This variation is being published in terms of Section Article 36 (4) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, following a freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Astrid May Grima, LLD) on the 1st May, 2025, which was published in the Government

Mejju, 2025, fejn il-Qorti ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' CASEY BORG.

Illum 21 ta' Awwissu, 2025

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

Gazette on the 6th May, 2025, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to CASEY BORG.

Today 21st August, 2025

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

2142

ARB/C065/2024 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-6 ta' Awwissu, 2025, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (il-Maġistrat Dott. Donatella M. Frendo Dimech, LLD) Kumpilazzjoni Numru 639/2024, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

LUKE FARRUGIA;

CLINT LAWRENCE D'AMATO;

DENZIL FARRUGIA;

ALEXANDRA SUHOV POCORA;

KANE VASSALLO;

GORDON CASSAR;

LUCA EMANUELE CORITO;

DYLAN MCKAY, xufier tat-taxi, ta' 31 sena, iben Anthony McKay u Rachel Galea, imwieled Tal-Pietà, Malta, fis-17 ta' Frar, 1994, u residenti f'251, Paksos Court, Flat 3, Triq Mater Boni Consilii, Il-Fgura, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 152494M.

U

NICOLAE EFIMOV;

Il-Qorti ORDNAT illi l-ordni ta' qbid u ffriżar maħruġa fit-13 ta' Awwissu, 2024, fil-konfront ta' DYLAN MCKAY qed tiġi limitata għas-somma ta' mija u wieħed u sebgħin elf u ħames mija u tnejn u erbgħin ewro u tmenin ċenteżmu (€171,542.80) kif ukoll il-proprjetà immobbli bl-indirizz: 3, 'Paksos Court', Triq Mater Boni Consilii, Il-Fgura, Malta, skont ir-relazzjoni

ARB/C065/2024 – VARIATION OF SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 6th August, 2025, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Donatella M. Frendo Dimech, LLD) Compilation Number 639/2024, in the case:

The Republic of Malta

Versus

LUKE FARRUGIA;

CLINT LAWRENCE D'AMATO;

DENZIL FARRUGIA;

ALEXANDRA SUHOV POCORA;

KANE VASSALLO;

GORDON CASSAR;

LUCA EMANUELE CORITO;

DYLAN MCKAY, taxi driver, 31 years, son of Anthony McKay and Rachel Galea, born in Tal-Pietà, Malta, on the 17th February, 1994, and residing at 251, Paksos Court, Flat 3, Triq Mater Boni Consilii, Fgura, and holder of Maltese identity card bearing number 152494M.

AND

NICOLAE EFIMOV;

The Court ORDERED that the seizing and freezing order issued on 13th August, 2024, against DYLAN MCKAY is being limited to the sum of one hundred seventhy one thousand and five hundred and forty two euro and eighty cents (€171,542.80) as well as the immovable property situated in the address: 3, 'Paksos Court', Triq Mater Boni

relattiva tal-Uffiċju tal-Irkupru tal-Assi bħala l-assi li għandhom ikunu suġġetti għall-konfiska fil-każ ta' sejbien ta' ħtija.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini Artikolu 36 (4)(a) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Claire Stafrace Zammit, LLD), fit-13 ta' Awwissu, 2024, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fit-23 ta' Awwissu, 2024, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' Luke Farrugia, Clint Lawrence D'Amato, Denzil Farrugia, Alexandra Suhov Pocora, Kane Vassallo, Gordon Cassar, Luca Emanuele Corito, DYLAN MCKAY, u Nicolae Efimov.

Illum 21 ta' Awwissu, 2025

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

Consilii, Fgura, Malta, as the assets that shall be subject to confiscation in the case of a conviction.

This variation is being published in terms of Article 36 (4)(a) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Claire Stafrace Zammit, LLD) on the 13th August, 2024, which was published in the Government Gazette on the 23rd August, 2024, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to Luke Farrugia, Clint Lawrence D'Amato, Denzil Farrugia, Alexandra Suhov Pocora, Kane Vassallo, Gordon Cassar, Luca Emanuele Corito, DYLAN MCKAY, and Nicolae Efimov.

Today 21st August, 2025

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

2143

ARB/C065/2024 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fis-6 ta' Awwissu, 2025, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (il-Maġistrat Dott. Donatella M. Frendo Dimech, LLD). Kumpilazzjoni Numru 639/2024, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

LUKE FARRUGIA;

CLINT LAWRENCE D'AMATO;

DENZIL FARRUGIA;

ALEXANDRA SUHOV POCORA, accounting assistant, ta' 32 sena, bint il-mejjet Gigu u Gina, imwielda ir-Rumanija fil-15 ta' Marzu, 1992, u residenti f'14, Vivant, Flat 6, Triq iċ-Ċern, San Pawl il-Baħar, u detentriċi ta' dokument ta' identifikazzjoni Malti bin-numru 181303A.

GORDON CASSAR;

KANE VASSALLO;

LUCA EMANUELE CORITO;

DYLAN MCKAY;

ARB/C065/2024 – VARIATION OF SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 6th August, 2025, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Donatella M. Frendo Dimech, LLD). Compilation Number 639/2024, in the case:

The Republic of Malta

Versus

LUKE FARRUGIA;

CLINT LAWRENCE D'AMATO;

DENZIL FARRUGIA;

ALEXANDRA SUHOV POCORA, accounting assistant, 32 years, daughter of the late Gigu and Gina, born in Romania on the 15th March, 1992, and residing at 14, Vivant, Flat 6, Triq ic-Ċern, St Paul's Bay, and holder of Maltese identification document bearing number 181303A.

GORDON CASSAR,

KANE VASSALLO;

LUCA EMANUELE CORITO;

DYLAN MCKAY

U

NICOLAE EFIMOV;

Il-Qorti ORDNAT illi l-ordni ta' qbid u ffriżar maħruġa fit-13 ta' Awwissu, 2024, fil-konfront ta' ALEXANDRA SUHOV POCORA qed tiġi limitata għas-somma ta' wieħed u tletin elf u tmien mija u disgħin ewro (€31,890).

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini Artikolu 36 (4)(a) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Claire Stafrace Zammit, LLD), fit-13 ta' Awwissu, 2024, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fit-23 ta' Awwissu, 2024, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' Luke Farrugia, Clint Lawrence D'Amato, Denzil Farrugia, ALEXANDRA SUHOV POCORA, Kane Vassallo, Gordon Cassar, Luca Emanuele Corito, Dylan Mckay, u Nicolae Efimov.

Illum 19 ta' Awwissu, 2025

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

AND

NICOLAE EFIMOV;

The Court ORDERED that the Seizing and Freezing Oder issued on 13th August, 2024, against ALEXANDRA SUHOV POCORA is being limited to the sum of thirty-one thousand and eight hundred and ninety euro (€31,890).

This variation is being published in terms of Article 36 (4)(a) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Claire Stafrace Zammit, LLD) on the 13th August, 2024, which was published in the Government Gazette on the 23rd August, 2024, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to Luke Farrugia, Clint Lawrence D'Amato, Denzil Farrugia, ALEXANDRA SUHOV POCORA, Kane Vassallo, Gordon Cassar, Luca Emanuele Corito, Dylan Mckay, and Nicolae Efimov.

Today 19th August, 2025

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

2144

ARB/C065/2024 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fis-6 ta' Awwissu, 2025, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (il-Maġistrat Dott. Donatella M. Frendo Dimech, LLD). Kumpilazzjoni Numru 639/2024, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

LUKE FARRUGIA;

CLINT LAWRENCE D'AMATO;

ALEXANDRA SUHOV POCORA;

KANE VASSALLO;

DENZIL FARRUGIA;

GORDON CASSAR, jaħdem fil-manutenzjoni, ta' 44 sena, iben il-mejjet Carmelo Cassar u Maria Concetta Cassar Delceppo xebba Delceppo, imwieled Tal-Pietà, Malta, fit-

ARB/C065/2024 – VARIATION OF SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 6th August, 2025, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Donatella M. Frendo Dimech, LLD). Compilation Number 639/2024, in the case:

The Republic of Malta

Versus

LUKE FARRUGIA;

CLINT LAWRENCE D'AMATO;

DENZIL FARRUGIA;

ALEXANDRA SUHOV POCORA;

KANE VASSALLO;

GORDON CASSAR, maintenance worker, 44 years, son of the late Carmelo Cassar and Maria Concetta Cassar Delceppo née Delceppo, born in Tal-Pietà, Malta, on the

22 ta' Novembru, 1979, u residenti f'Thank God, Triq Sir Agostino Portelli, Il-Kalkara, u/jew 23, The Podium Block C, Flat 10, Triq Dun Ġuzepp Bonanno, Ħaż-Żebbuġ, Malta, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 551079M.

LUCA EMANUELE CORITO;

DYLAN MCKAY;

U

NICOLAE EFIMOV;

Il-Qorti ORDNAT illi l-ordni ta' qbid u ffriżar maħruġa fit-13 ta' Awwissu, 2024, fil-konfront ta' GORDON CASSAR qed tiġi limitata għas-somma ta' mija u għaxart elef u erbgħa u sittin ewro (€110,064).

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini Artikolu 36 (4)(a) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Claire Stafrace Zammit, LLD), fit-13 ta' Awwissu, 2024, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fit-23 ta' Awwissu, 2024, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' Luke Farrugia, Clint Lawrence D'Amato, Denzil Farrugia, Alexandra Suhov Pocora, Kane Vassallo, GORDON CASSAR, Luca Emanuele Corito, Dylan Mckay, u Nicolae Efimov.

Illum 21 ta' Awwissu, 2025

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

22nd November, 1979, and residing at Thank God, Triq Sir Agostino Portelli, Kalkara, and/or 23, The Podium, Block C, Flat 10, Triq Dun Ġuzepp Bonanno, Ħaż-Żebbuġ, Malta, and holder of Maltese identity card bearing number 551079M.

LUCA EMANUELE CORITO;

DYLAN MCKAY

AND

NICOLAE EFIMOV;

The Court ORDERED that the Seizing and Freezing Oder issued on 13th August, 2024, against GORDON CASSAR, is being limited to the sum of one hundred and ten thousand, and sixty-four euro (€110,064).

This variation is being published in terms of Article 36 (4)(a) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Claire Stafrace Zammit, LLD) on the 13th August, 2024, which was published in the Government Gazette on the 23rd August, 2024, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to Luke Farrugia, Clint Lawrence D'Amato, Denzil Farrugia, Alexandra Suhov Pocora, Kane Vassallo, GORDON CASSAR, Luca Emanuele Corito, Dylan Mckay, and Nicolae Efimov.

Today 21stAugust, 2025

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

2145

ARB/C017/2021 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-12 ta' Awwissu, 2025, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (il-Maġistrat Dott. Leonard Caruana, LLD). Kumpilazzjoni Numru 596/2021, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

CHARLSTON CASSAR;

REDENT CASSAR, ta' 30 sena, iben Anna Cassar xebba Cassar, imwieled Tal-Pietà, Malta, fit-30 ta' Settembru, 1994,

